MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 58/2004

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**vs**

**David Ernest Guntrip (ID No. 552684(M))**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf hames mija u sitta u hamsin liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM1556.47) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon bin-numri 2158 3473 u 2158 1560 (skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A, B u C)

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti mal-Avviz;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-17 ta’ Frar, 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta’ attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s- somma ta’ elf hames mija u sitta u hamsin liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM1556.47), bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------